



Brussell, id-19 ta' Jannar 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAT-TRASPORT BIT-TRIQ

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ¹ li jstabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ").² Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"³.

Fl-isfond tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, l-operaturi tat-trasport bit-triq fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009⁴ huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju, li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport bit-triq ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan għandu, b'mod partikolari, il-konsegwenzi li ġejjin fl-oqsma differenti tat-trasport bit-triq:

- **ĊERTIFIKATI, LIĊENZJI U ATTESTAZZJONIJIET**

- Ċertifikat ta' kompetenza professjonali għal operaturi tat-trasport bit-triq/maniġers tat-trasport: Skont l-Artikoli 3(1)(d), 4(1) u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, persuni fiżiċi li jeżerċitaw il-professjoni ta' **operatur tat-trasport bit-triq** fl-UE u **maniġers tat-trasport** impjegati minn impriża involuta fil-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq għandu jkollhom **ċertifikat ta' kompetenza professjonali** maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru tal-UE jew minn korpi awtorizzazzjoni b'mod xieraq minn Stat Membru tal-UE għal dak il-għan. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali

¹ Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

² Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

³ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

maħruġa minn awtorità tar-Renju Unit jew minn korp awtorizzat mir-Renju Unit mhux se jibqgħu aktar validi fl-UE-27.

- Attestazzjoni ta' sewwieq għal sewwieqa minn pajjiżi terzi: Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009,⁵ it-trasport internazzjonali għandu jkun soġġett għall-pussess ta' liċenzja Komunitarja⁶ u, jekk is-sewwieq huwa ċittadin ta' pajjiż terz, flimkien mal-**attestazzjoni ta' sewwieq**.

B'hekk, mid-data tal-ħruġ 'il quddiem, is-sewwieqa li huma ċittadini tar-Renju Unit u li ma jikkostitwixxux residenti fit-tul tal-Unjoni, fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, u li jaħdmu għal trasportatur tal-Unjoni li għandu liċenzja Komunitarja, jeħtieġu attestazzjoni ta' sewwieq. F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009⁷, din l-**attestazzjoni ta' sewwieq** għandha tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit it-trasportatur li għandu liċenzja Komunitarja, għal kull sewwieq li la hu ċittadin ta' Stat Membru u lanqas resident għat-tul fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE⁸ u li jkun imqiegħed għad-dispożizzjoni tat-trasportatur jew impjegat legalment minnha.

- Ċertifikat ta' kompetenza professjonali għas-sewwieqa: F'konformità mad-Direttiva 2003/59/KE⁹, **sewwieqa** tal-Unjoni ta' vettura maħsuba għat-trasport ta' merkanzija jew għat-trasport ta' passiġġiera jeħtieġ li jkollhom **ċertifikat ta' kompetenza professjonali** li jiċċertifika l-kwalifiki inizjali jew it-taħriġ perjodiku maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-UE jew minn ċentru tat-taħriġ approvat fi Stat Membru tal-UE. Sewwieqa li huma ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jiksbu l-kwalifika inizjali tagħhom fi Stat Membru tal-UE tar-residenza normali tagħhom filwaqt li sewwieqa li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi jagħmlu dan fl-Istat Membru tal-UE li jkun haġġilhom il-permess tax-xogħol. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ċertifikati ta' kompetenza professjonali maħruġa mir-Renju Unit jew minn ċentru tat-taħriġ approvat fir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE-27.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, is-sewwieqa li huma ċittadini tar-Renju Unit iżda impjegati minn impriża stabbilita fl-Unjoni jew ċittadini tal-Unjoni residenti fir-Renju Unit iżda impjegati minn impriża stabbilita fl-Unjoni se jkollhom isegwu t-taħriġ tas-sewwieqa professjonali fl-Istati Membru tal-UE-27 fejn hi stabbilita l-impriża li timpjegahom.

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

⁶ Rigward il-liċenzja Komunitarja, ara hawn taħt.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 016, 23.1.2004, p.44.

⁹ Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE, ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4.

- Liċenzja tas-Sewqan: Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/126/KE¹⁰, il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri tal-Unjoni huma rikonoxxuti b'mod reċiproku. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, liċenzja tas-sewqan maħruġa mir-Renju Unit mhux se tibqa' rikonoxxuta mill-Istati Membri fuq abbażi ta' din il-leġiżlazzjoni.

Ir-rikonoxximent tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa minn pajjiżi terzi mhuwiex indirizzat fil-liġi tal-Unjoni iżda jinsab irregolat fil-livell tal-Istati Membri. Fi Stati Membri li huma Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949 dwar it-Traffiku fit-Toroq, tapplika din il-Konvenzjoni¹¹.

- **AĊĊESS GĦALL-PROFESSJONI/GĦAS-SUQ**

- Skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, **l-impriżi li jeżerċitaw il-professjoni ta' operaturi tat-trasport bit-triq** fl-Unjoni irid ikollhom stabbiliment effettiv u stabbli fi Stat Membru tal-UE. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-impriżi li jkollhom l-istabbiliment tagħhom fir-Renju Unit mhux se jibqgħu aktar jissodisfaw dan ir-rekwiżit.
- Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, impriża li teżerċita l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq għandha taħtar **manijer tat-trasport**. F'konformità mal-Artikolu 4(1)(c) ta' dan ir-Regolament, dan il-manijer tat-trasport irid ikun residenti fl-Unjoni. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-manijers tat-trasport residenti fir-Renju Unit li jaħdmu għal operatur tat-trasport bit-triq tal-Unjoni mhux se jibqgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit. L-impriżi stabbiliti fl-Unjoni li għandhom biss manijer tat-trasport residenti fir-Renju Unit ma jistgħux jibqgħu jeżerċitaw il-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq fl-UE-27.
- **It-trasport internazzjonali tal-merkanzija** fl-Unjoni huwa soġġett għall-pussess ta' **liċenzja Komunitarja**, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1072/2009. Dawn il-liċenzji Komunitarji jistgħu jinħarġu biss mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-UE fejn it-trasportatur ikun stabbilit u fejn tali trasportatur huwa intitolat li jwettaq trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, liċenzja Komunitarja maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit mhux se tibqa' valida fl-UE-27. Transportaturi stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jkollhom aċċess għas-suq intern tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Unjoni.

Madankollu, sistema ta' kwoti multilaterali ġestita mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (issa l-Forum Internazzjonali tat-Trasport) tkun tapplika f'dan il-punt. Għalhekk, operazzjonijiet transkonfinali (jiġifieri t-trasport tal-merkanzija minn pajjiż A għal pajjiż B minn trasportatur stabbilit f'pajjiż C) minn trasportaturi mir-Renju Unit fl-Unjoni u minn trasportaturi tal-Unjoni mir-Renju Unit jew lejn ir-Renju Unit jistgħu jsiru skont din is-sistema u fil-limiti tagħha. Din is-sistema ma tippermettix operazzjonijiet ta' kabotaġġ, jiġifieri operazzjonijiet minn trasportaturi barranin fi Stat wieħed. Dan ifisser, b'mod

¹⁰ Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid), ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.

¹¹ Għal iktar informazzjoni, jenħtieġ li tiġi kkonsultata l-awtorità responsabbli tal-Istat Membru rispettiv.

partikolari, li t-trasportaturi tar-Renju Unit ma jistgħux ikompli aktar iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE-27.

- F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1073/2009¹², **it-trasport internazzjonali ta' passiġġiera bil-kowċ jew xarabank** huwa soġġett għall-pussess ta' liċenzja Komunitarja maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, **il-liċenzji Komunitarji** maħruġa mir-Renju Unit mhux se jibqgħu validi fl-UE-27.
- Is-**servizzi internazzjonali regolari** bejn l-Istati Membri huma soġġetti għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-awtorizzazzjonijiet li jinvolvu r-Renju Unit (biex jiġbru jew iniżżlu l-passiġġieri) ma jibqgħux aktar validi fl-UE-27.

- **ASPETTI INTERNAZZJONALI**

- B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ma jibqax fl-ambitu tal-**Ftehim Interbus**¹³ dwar **it-trasport internazzjonali okkażjonali** tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank, tal-Ftehim ASOR tal-1982 li hu simili ħafna,¹⁴ kif ukoll tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport tal-Merkanzija u l-Passiġġiera bil-Ferrovija u bit-Triq¹⁵.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar it-trasport bit-triq (https://ec.europa.eu/transport/modes/road_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali rigward ir-regoli għat-trasport bit-triq fl-Unjoni. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88.

¹³ Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (INTERBUS) tat-30 ta' Ġunju 2001, ĠU L 321, 26.11.2002, p. 13.

¹⁴ Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Passiġġieri bit-Triq permezz ta' Servizzi Okkażjonali bil-Kowċ u bix-Xarabank (ASOR) tas-26 ta' Mejju 1982, ĠU L 230, 5.8.1982, p. 39.

¹⁵ ĠU L 114, 30.04.2002, p. 91.